# DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tat-13 ta' Diċembru 2011

## dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea b'konformità mal-punt 26 tal-Ftehima Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod

(2012/6/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw il-Ftehima Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod [1], u b'mod partikulari l-punt 26 tagħha,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea [2],

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Unjoni Ewropea ħolqot il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (il-"Fond") sabiex turi solidarjetà mal-popolazzjoni ta' reġjuni milquta minn diżastri.

(2) Il-Ftehima Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 tippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond sal-limitu massimu annwali ta' EUR 1 biljun.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 2012/2002 fih id-dispożizzjonijiet li permezz tagħhom il-Fond jista' jiġi mobilizzat.

(4) Spanja ressqet applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-Fond, fir-rigward ta' diżastru kkaġunat minn terremot, u l-Italja ressqet applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-Fond, fir-rigward ta' diżastru kkaġunat minn għargħar.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011, il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea għandu jkun mobilizzat sabiex jipprovdi s-somma ta' EUR 37 979 875 f'approprjazzjonijiet għall-impenji u għall-ħlasijiet.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Magħmul fi Strasburgu, it-13 ta' Diċembru 2011.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| --- | --- |
| *Il-President* | *Il-President* |
| J. BUZEK | M. SZPUNAR |

[1] ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
[2] ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3.